# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 320/20/1 GM**

**Loraine Attard f'isimha proprju u kif ukoll għan-nom u in rappresentanza ta' bintha minuri Maya Carmie Christie Attard**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex), korrezzjoni kif indikat fid-digriet mogħti fis-26 ta' Jannar 2021; Peter Vella kjamat in kawża skont digriet tas-26 ta' Jannar 2021; u b'digriet tas-16 ta' Frar 2021 ġie kjamat in kawża l-kuratur tal-minuri Dr Mario Scerri**

1. Il-minuri Maya Carmie Christie Attard twieldet fil-25 ta' Awwissu 2012 u ġiet irreġistrata bħala bint Francis Saliba, peress li dak iż-żmien l-attriċi Loraine Attard u l-istess Francis Saliba kienu għadhom miżżewġin. Sussegwentement irriżulta li l-minuri ma kinitx il-wild bijoloġiku ta' Francis Saliba, u għalhekk, b'sentenza tat-3 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet Francis

Saliba v. Loraine Attard noe, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) ordnat it-tħassir tal-isem Francis Saliba u l-konnotati tiegħu minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, u li minflok il-minuri tiġi reġistrata bħala bint ta' missier mhux magħruf. Peter Vella imbagħad intavola kawża ta' filjazzjoni, permezz ta' liema qed jitlob li jiġi reġistrat bħala missier il-minuri Maya Carmie Christie Attard. Loraine Attard eċċepiet f'dik il-kawża li l-kawża ma tistax tirnexxi peress li ma kinitx saret entro sitt xhur mit-twelid tat-tarbija kif meħtieġ skont l-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili. Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) wara li qieset li t-terminu ta' sitt xhur mhuwiex applikabbli peress li l-azzjoni ta' Vella hija bbażata fuq l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili. Attard talbet awtorizzazzjoni biex tappella minn din is-sentenza, liema talba ġiet miċħuda. L-istess Qorti ordnat lill-avukati tal-partijiet u lill-kuratur *ad litem* tal-minuri sabiex jippreżentaw nota fejn jindikaw jekk għandhomx oġġezzjoni għall-ħatra ta' Robert Cardona sabiex isiru t-testijiet xjentifiċi neċessarji biex tiġi stabbilita l-paternita` tal-minuri. Il-kuratur *ad litem* tal-minuri ma oġġezzjonax għal din il-ħatra. L-attriċi tilmenta dwar il-fatt li l-kuratur ad litem tal-minuri naqas milli joġġezzjona għal din il-ħatra u li għalhekk huwa naqas milli jirrappreżenta fedelment u onestament l-interessi tal-minuri u ssostni li dan jirrappreżenta ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-minuri. Tilmenta wkoll li dan l-eżami xjentifiku huwa leżiv tad-drittijiet tagħha u tal-minuri sanċit permezz tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni

u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex ser jiġi ordnat fi proċeduri li huma predestinati li jfallu.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tagħti miżura interim ("interim measure") billi tordna s-soprasessjoni tal-proċeduri fl-ismijiet Vella Peter v Loraine Attard et. bin-numru 11/09 li qegħdin jinstemgħu quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja) pendenti leżitu ta' dawn il-proċeduri;
>
> 2. Tagħti miżura interim ("interim measure") billi minn issa tordna s-sospensjoni tal-ordni u oħrajn li jistgħu jingħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja) fil-proċeduri fl-ismijiet Vella Peter v Loraine Attard et. bin-numru 11/09 u li permezz tagħhom ġie jew jista' jiġi ordnat it-teħid ta' kampjuni u/jew l-esekuzzjoni ta' eżamijiet xjentifiċi;
>
> 3. Tiddikjara li għar-raġunijiet hawn premessi, id-dritt fundamentali tar-rikorrenti u/jew min minnhom għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja hekk kif protett bis-saħħa tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ġie jew ser jiġi miksur;
>
> 4. Tiddikjara li għar-raġunijiet hawn premessi, id-dritt fundamentali tar-rikorrenti Maya Attard għal smigħ xieraq kif protett bis-saħħa tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ġie jew ser jiġi miksur;
>
> 5. Tillikwida kumpens għall-ksur hekk stabbilit;
>
> 6. Tikkundana lill-intimati jew min minnhom iħallasu lir-rikorrenti jew min minnhom il-kumpens hekk stabbilit;
>
> 7. Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun sabiex ir-rikorrenti jiġu reintegrati fil-pożizzjoni li kienu fiħ qabel ma seħħet il-vjolazzjoni;"

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* illi Peter Vella u l-kuratur l-Avukat Mario Scerri għandhom jiġu kjamati fil-kawża, li l-ewwel żewġ

talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda għaliex m'hemmx lok li jingħata *interim measure,* li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jistax jiġi mqanqal mill-atturi bis-saħħa tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni, li m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, li l-argument li Peter Vella ma jistax jirnexxi fl-azzjoni tal-paternita` li huwa ressaq ma jistax jiġi deċiż minn din il-Qorti għaliex din hija kwistjoni li taqa' fil-kompetenza tal-qrati ordinarji, li m'hemm l-ebda ksur ta' smigħ xieraq tal-minuri għaliex dan l-ilment mhuwiex marbut ma' xi nuqqas proċedurali u fi kwalunkwe każ jekk il-posizzjoni tal-kuratur ma taqbilx ma' dik tal-omm ma jfissirx li l-minuri mhux qed ikollha aċċess għal assistenza legali tajba.

4. Id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali eċċepixxa, *inter alia,* li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni, li l-azzjoni odjerna hija intempestiva għaliex ir-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli lilhom u li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Peter Vella eċċepixxa, *inter alia,* li r-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji kollha disponibbli lilha, li l-kawża odjerna ma tindirizza l-ebda leżjoni ta' dritt iżda hija intiża biss sabiex jinħoloq forum tat-tielet grad sempliċiment għaliex l-attriċi ma taqbilx mad-digriet mogħti mill-Qorti, li l-minuri trabbiet u għexet miegħu għal snin sħaħ u għalhekk ir-reġistrazzjoni tiegħu bħala l-missier naturali tagħha m'għandu jwassal għall-ebda leżjoni ta' drittjiet fundamentali, li m'hemm l-ebda raġuni valida

għall-ħruġ ta' *interim measure* u li l-proċeduri odjerni huma ottużi u nefasti u saru biss bl-uniku skop li jtawwlu inutilment il-kawża ta' paternita` istitwita minnu.

6. L-Avukat Mario Scerri fil-kwalita` tiegħu bħala kuratur tal-minuri Maya Carmie Christie Attard eċċepixxa, *inter alia,* li għandu jiġi kkanċellat dak il-kliem kollu fir-rikors promotur li huwa dispreġġattiv fil-konfront tiegħu, li ma jaqbel xejn mal-kontenut tar-rikors promotur għaliex ser iservi biss biex jittawlu l-proċeduri li hemm pendenti għall-filjazzjoni tal-minuri u fil-frattemp l-aċċess tal-allegat missier bijoloġiku mal-minuri huwa sospiż, u li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda għaliex huma inġustifikati.

7. L-Ewwel Qorti ordnat l-estromissjoni mill-kawża tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ta' Malta u ta' Għawdex, permezz ta' ordni mogħti waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2021.

8. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-2 ta' Diċembru 2021 ġie deċiz hekk:

> "Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħdha tiċħad it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet tar-rikorrenti u tiddikjarahom frivoli u vessatorji għall-għanijiet tal-Art. 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Spejjeż a kariku tar-rikorrenti."

9. L-attriċi ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-22 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka *in toto* s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

10. L-Avukat tal-Istat ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-3 ta' Jannar 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-appell tal-attriċi huwa null u talab lil din il-Qorti sabiex, jekk ma tiddikjarax li dan l-appell ma jiswiex għaliex sar kontra dak provdut fl-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tgħaddi biex tiċħad l-istess appell, bl-ispejjeż tal-appell jitħallsu għal darbtejn mill-attriċi.

11. L-Avukat Mario Scerri bħala kuratur tal-minuri Maya Carmie Christie Attard ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fil-21 ta' Jannar 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-attriċi ma kellha l-ebda awtorita` tintavola dan l-appell għan-nom tal-minuri u għalhekk l-appell li sar għan-nom tal-minuri għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanta, filwaqt illi l-appell tal-appellanta għandu jiġi miċħud għaliex fieragħ u vessatorju u għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-appellanta d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 195(7) u 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 10(1) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-istess kapitolu.

**Ikkonsidrat;**

**L-eċċezzjoni tan-nullita tal-appell**

12. Peress li l-Avukat tal-Istat ressaq eċċezzjoni dwar in-nullita tal-appell odjerna, il-Qorti tqis li jkun għaqli li l-ewwel nett teżamina u tiddetermina din l-eċċezzjoni. L-Avukat tal-Istat jargumenta illi dan l-appell ma setax isir skont l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-kawża tal-attriċi hija fiergħa u vessatorja u għalhekk skont dawn l-artikoli ma jista' jsir l-ebda appell quddiem din il-Qorti mis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

13. Għall-aħjar intendiment tal-kawża ser jiġu riportati testwalment il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti:

> "Ir-rikorrenti tressaq żewġ ilmenti:
>
> L-ewwel: li l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisidizzjoni tal-Familja) tal-11 ta' Diċembru 2020 fil-proċeduri fl-ismijiet Peter Vella v Loraine Attard et. bin-numru 11/2019 li jinħatar espert sabiex isiru l-eżamijiet xjentifiċi meħtieġa biex tiġi stabbilita l-paternita` tal-minuri Maya Attard jiksru ddrittijiet protetti mill-Art. 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.
>
> It-tieni: li l-kuratur deputat maħtur biex jirrappreżenta lill-minuri fl-imsemmija proċedura naqas li jwettaq onestament u fedelment l-inkariku lilu mogħti u ħalhekk hemm ksur tas-smigħ xieraq protett mill-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 tal-Konvenzjoni.

L-ewwel ilment:
Ir-rikorrenti tibbaża l-ewwel ilment fuq żewġ premessi:
- l-eżamijiet xjentifiċi ġew ordnati fi proċeduri li huma ddestinati li jfallu għaliex magħmula abbażi tal-Art. 86 tal-Kodiċi Ċivili applikabbli għal tfal imwielda barra miż-żwieġ u mhux għal Maya Attard li twieldet fiż-żwieġ
- It-teħid tal-kampjuni msemmija jikkostitwixxi ndħil tad-dritt għall-ħajja privata u għalhekk għandu jsir biss skont il-liġi għal wieħed jew iktar mill-għanijiet imsemmija fl-Art. 8.

Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni jagħti s-setgħa lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi dwar ksur tad-disposizzjonijiet tal-Art. 33 sa 35 tal-istess Kostituzzjoni. Artiklu 32 mhux inkluż fost dawn id-disposizzjonijiet; huwa dikjarazzjoni ta' prinċipji u bħala tali, ġie ddikjarat f'għadd ta' sentenzi minn din il-Qorti, sede kostituzzjonali (diversament ippreseduta) li mhuwiex esegwibbli. Għalhekk in kwantu bbażat fuq l-art. 46(2) msemmi, l-ewwel ilment huwa bla bażi.

Ir-rikorrenti ma tat l-ebda ħjiel dwar kif l-eżami tad-DNA sejjer jippreġudika lilha jew lil bintha. Tgħid biss li sejjer jikxef fatti personali li mhumiex rilevanti għal dawn il-proċeduri. Ma tispjegax x'inhuma dawn il-fatti personali. Il-piż tal-prova ta' din l-allegazzjoni taqa' fuq spallejn ir-rikorrenti. Dan apparti li kull ma sejjer jikxef it-test huwa l-perċentwali ta' probabbilita` li Peter Vella huwa missier bijoloġiku tat-tifla. Informazzjoni li Loraine Attard diġa` tat meta rrikonoxxiet li Peter Vella huwa missier il-minuri permezz tar-risposta tagħha għall-ittra uffiċjali li kien bagħtilha l-istess Peter Vella.

Apparti dan, mhux talli t-test tad-DNA jilledi l-ħajja privata tal-minorenni, talli huwa ta' benefiċċju għaliha, għaliex kull tarbija għandha dritt tkun taf min hu missierha, għal raġunijiet notorjament magħrufa ta' identita`, saħħa u drittijiet suċċessorji.

Din il-Qorti mhix kompetenti biex tiddeċiedi jekk il-kawża de quo tistax titmexxa abbażi tal-Art. 86 jew le. Jekk tagħmel hekk tkun qiegħdha tagħmilha ta' qorti tat-tieni istanza, li mhix il-funzjoni tagħha. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati hix qiegħdha tinterpeta l-liġi b'mod korrett ma jfissirx li l-ordni tagħha de quo mhix qiegħdha ssir skont il-liġi, għaliex hija maħruġa minn organu indipendenti u imparzjali tal-Istat – il-Qorti – waqt kawża ċivili fl-eżerċizzju leġittimu tal-podesta` ġudizzjali li tinterpreta u tapplika l-liġi.

Fl-aħħarnett dwar l-ewwel ilment, ir-rikorrenti għad għandha d-dritt li tappella mis-sentenza preliminari tal-Qorti tal-Maġistrati. Huwa abbuż tal-proċeduri kostituzzjonali li dawn isiru minkejja li jkun hemm rimedju ordinarju disponibbli, u, agħar minn hekk,

> biex jiġu jistultifikaw bla bżonn kawżi mismugħa mill-Qrati ordinarji.
>
> It-Tieni Lment:
>
> Ir-rikorrenti lanqas uriet li kien hemm xi nuqqas mill-kuratur tal-minuri, u wisq inqas li tali nuqqas wassal għall-ksur tas-smigħ xieraq. Quddiem il-Qorti ordinarja, ir-rikorrenti m'oġġezzjonatx għall-ħatra tal-avukat Mario Scerri bħala kuratur tal-minorenni, la meta nħatar u lanqas wara. Il-fatt li r-rikorrenti dehrilha li kellu joġġezzjona għat-test tad-DNA, jew li m'għamilx kuntatt dirett mal-minuri, ma jfissirx li ma qediex dmiru sewwa u wisq inqas li b'daqshekk il-minorenni ma ġietx rappreżentata tajjeb u li d-difiża tagħha ġiet ippreġudikata. Anzi, għall-kuntrarju, din il-Qorti ssib li l-kuratur manifestament aġixxa fl-aħjar interess tal-minorenni meta ma sabx oġġezzjoni li jsir it-test tad-DNA.
>
> Apparti l-premess, ir-rikorrenti kellha u għad għandha l-jedd li titlob it-tneħħija tal-kuratur lill-Qorti ordinarja, u għalhekk mhux leċitu li taqbad u tiftaħ proċedura kostituzzjonali fir-rigward."

### *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

14. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx il-kawża tar-rikorrenti bħala "sempliċiment frivola" jew "sempliċiment vessatorja" iżda bħala frivola u vessatorja. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmen Micallef v. Prim'Ministru et** (Kost. 24/10/2005), fejn f'ċirkostanzi simili ġie kkonsidrat hekk:

> "Issa ma hemmx dubbju li fid-deċide l-ewwel Onorabbli Qorti esprimiet ruħha bl-aktar mod ċar u inekwivoku dwar li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti (illum appellanti permezz ta' Joseph Micallef) kienet mhux biss frivola jew vessatorja (għax il-waħda jew l-oħra huma biżżejjed skond is-subartikoli (5) aktar 'l fuq imsemmija) iżda addirittura frivola u vessatorja. Huwa veru li l-ewwel Qorti ma wżatx il-kelma "sempliċement", pero` din il-Qorti hi tal-fehma li s-sens kollu tad-deċide u li l-kwistjoni sollevata kienet effettivament sempliċement frivola u vessatorja.
>
> […]

> …l-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal is-subartikoli (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, kienet proprju li meta l-Prim Awla tiddikjara li xi talba jew xi kwistjoni li tkun tqanqlet kienet "sempliċement frivola jew vessatorja", id-dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni ma jibqax jeżisti. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa diversi sentenzi li jitrattaw dawn is-subartikoli – 46(5) u 4(5)… u minnhom jemerġi ċar il-prinċipju li bħala regola, u sakemm ma jkunx hemm x'jindika b'mod impellenti li għandu jsir il-kuntrarju, id-deċiżjoni tal-Prim Awla li talba miġjuba quddiemha jew kwistjoni li tkun tqanqlet hija frivola jew vessatorja hija ta' ostakolu għal xi forma ta' appell minn dik is-sentenza għal quddiem din il-Qorti".

15. Il-Qorti tosserva li anke f'dan il-każ l-Ewwel Qorti qieset li l-azzjoni attriċi mhijiex biss frivola jew vessatorja iżda hija addirittura frivola **u** vessatorju. Għalkemm l-Ewwel Qorti m'użatx il-kelma "sempliċiment", qari tas-sentenza appellata juri b'mod ċar u indiskutibbli li l-Ewwel Qorti qieset l-azzjoni attriċi bħala waħda sempliċiment frivola u vessatorja. Dan speċjalment tenut kont li l-Ewwel Qorti qieset li l-azzjoni attriċi hija saħansitra abbuż tal-proċeduri kostituzzjonali li qed tistultifika bla bżonn proċedura quddiem il-qrati ordinarji. Huwa ċar ukoll li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-azzjoni attriċi hija sempliċiment frivola u vessatorja meta kkonsidrat il-fatt li l-attriċi ma spjegatx kif l-eżami tad-DNA ser jilledi d-drittijiet tagħha jew tal-minuri, u lanqas uriet li kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-kuratur tal-minuri, u wisq anqas wieħed li jwassal għall-ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti ħadet kont tal-fatt li l-attriċi stess kienet aċċettat u ammettiet li Peter Vella huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri mentri issa qed tilmenta dwar l-eżami tad-DNA li sejjer biss jikkonferma dak li l-attriċi diġa` ammettiet. Din il-Qorti tqis

għalhekk li mill-assjem tal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti m'hemm l-ebda dubju li l-Ewwel Qorti qieset l-azzjoni attriċi bħala waħda sempliċiment frivola u vessatorja u għaldaqstant hija moralment konvinta li din id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għandha tiġi rispettata u l-ebda appell m'għandu jitħalla jsir minn din id-deċiżjoni, ai termini l-Artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat qed tiġi milqugħa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u għaldaqstant tiddikjara l-appell odjern irritu u null *ai termini* tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(5) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

L-ispejjeż kollha ta' dan l-appell jitħallsu minn Loraine Attard.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr